MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Numru. 1343/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Elton Saliba**

Kumpilazzjoni Nru: 1343/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Elton Saliba, ta' 32 sena, iben Carmelo u Mary Rose nee' Curmi, imwieled Pieta fid-19 ta' Frar 1977 u residenti Elmar Triq Ruzinjol Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 144577(M)

Talli gewwa ir-Rabat u f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Awissu 2009 ghall-habta tat-tlieta ta' fil-ghodu

1. minghajr ordni skond il-Ligi ta'l-Awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Omissis kontra l-volonta taghha sabiex bhala mara jgeghla taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
2. ikkometta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta'l-istess Omissis;
3. offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat l-artikoli 86, 87(1)(g), 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat min-naha n-natura ta'l-imputazzjonijiet in kwistjoni, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(g), 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet

migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija li b'appikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett (3) snin. In oltrre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G ta'l-istess Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghall-perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor f'perjodu ta' erbgha snin.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-ordni ta' supervizzjoni jigu notifikati lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation

In konkluzzjoni l-Qorti tordna li isem il-vittma ma jixxandar f'l-ebda mezz ta' komunikazzjoni u/jew stampa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------